MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 318/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**Duminku Agius u
Saveria Agius**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Duminku Agius u Saveria Agius talli fis-16 ta' Awissu 2004 f'Hal Ghaxaq naqsu li jobdu ordni moghti lilhom mill-Pulizija biex inehhu l-perkolu u jsewwu l-hsara li hemm fil-fond 5, Triq San Guzepp, Ghaxaq proprjeta' taghhom jew amministrata minnhom u b'hekk ma obdewx ordni legittima bi ksur ta' l-Artikolu 25 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kodci Kriminali; l-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' kundanna barra milli taghti l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati li jnehhu l-inkonvenjent u jezegwixxu l-ligi cioe` jaghmlu t-tiswijiet fi zmien sufficjenti moghti lilhom taht penali skond il-ligi;

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta’ Settembru 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Duminku Agius u Saveria Agius hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, ordnatilhom “jezegwixxu x-xogholijiet fuq is-saqaf tal-fond imsemmi fic-citazzjoni fi zmien tlett xhur” taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri, b’multa ta’ zewg liri kulljum fin-nuqqas; u li f’kaz li dan il-periodu jghaddi inutilment, dik il-qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija li jezegwixxi, a spejjez ta’ l-imputati, ix-xogholijiet rikjesti fuq is-saqaf tal-fond imsemmi fic-citazzjoni; finalment ghal dik li hi piena, l-ewwel qorti, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap. 446, illiberat lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ippresentat mill-konjugi Agius fit-18 ta’ Settembru 2007 li permezz tieghu talbu r-revoka ta’ l-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tat-28 ta’ Settembru 2007 u 1 ta’ Ottubru 2007; zammet access fuq il-post nhar il-Gimgha 28 ta’ Settembru 2007 wara nofs in-nhar u hemhekk ghamlet il-konstatazzjonijiet mehtiega kif jirrizulta mill-verbal ta’ l-istess access; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandhom diversi aggravji, li pero` din il-Qorti ma tarax li ghandha toqghod tidhol fihom kollha ghar-raguni li ser tirrizulta min hawn u ftit iehor. Aggravju minnhom li fuqu ghamel certu emfasi d-difensur ta’ l-appellanti, pero`, tajjeb li jigi kkunsidrat peress li jista’ jitqies bhala ta’ natura kwazi-preliminari. L-appellanti jikkontendu li d-disposizzjoni tal-ligi invokata mill-Pulizija – l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 – ma japplikax ghal kaz in dizamina ghax anke jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, hemm perikolu, dan il-perikolu ma hux fit-triq pubblika izda qieghed retropost l-gewwa fi proprjeta` privata. Huma jaghmlu referenza ghan-nota marginali tad-disposizzjoni in kwistjoni li tghid *“Xogholijiet li jistghu igibu xkiel jew perikolu fit-toroq”* kif ukoll ghall-fatt li d-disposizzjoni tinsab fit-Taqsima II tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija li hija

intestata *“Fuq it-Toroq”*. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. Appati li la n-noti margnali u lanqas l-intestatura tat-taqsimiet, titoli jew sub-titoli tal-Kodicijiet – jew addirittura ta’ kwalsiasi ligi ohra – ma huma fihom innfishom parti mit-test tal-ligi, id-disposizzjoni in dizamina tikkontempla zewg ipotezijiet separati u distinti. L-ewwel ipotezi hija dik ta’ min jibni jew jaghmel xi haga **fit-toroq** li tista’ ggib xkiel jew perikolu jew inkomdu lill-**pubbliku**. It-tieni ipotezi, li kif inghad hija separata u distinta mill-ewwel wahda, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn persuna, wara li tkun giet imwissija mill-pulizija jew minn gwardjan lokali, thalli bini jew opri ohra fi stat ta’ tigrif jew ta’ perikolu **ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor**. Sinjifkanti huwa l-fatt li f’din it-tieni ipotezi l-legislatur ma uzax il-kelma “pubbliku” – bhalma jaghmel in konnessjoni ma’ l-ewwel ipotezi – izda uza l-espressjoni “ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor”[1]. Huwa car ghalhekk li, indipendentement min-nota marginali jew l-intestatura tat-taqsima jew titolu, anke meta bini ma jaghtix ghal fuq triq jew post pubbliku iehor izda jkun kompletament retropost ghat-triq, jekk minkejja dan dak il-bini jkun fi stat ta’ tigrif jew ta’ perikolu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor, tiskatta s-sanzjoni penali jekk min jigi mwissi -- li jista’ jkun is-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew l-amministratur tal-fond[2] -- ihalli dak il-bini hekk u ma jnehhix l-istat ta’ tigrif jew ta’ perikolu[3]. Ghalhekk dana l-aggravju hu manifestament infondat.

Dan kollu, pero`, hu soggett ghall-ezistenza ta’ stat ta’ tigrif jew ta’ perikolu. Jibda biex jinghad li ma jirrizultax li l-ewwel qorti zammet access jew ikkummissjonat perit biex jaghmel dan. Din il-Qorti, invece, zammet tali access u ghalhekk setghet verament tikkonstata fuq hiex qeghdin nitkellmu. Mill-kumpless tal-provi – senjatament id-deposizzjoni tal-Perit Schembri moghtija fit-28 ta’ Ottubru

[1] Ara, a propositu, s-sentenza ta’ din il-Qorti, li ghalija jaghmlu referenza l-istess appellanti pero` in konnessjoni ma’ punt u argument iehor, tal-25 ta’ Settembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Thomas Agius**.

[2] Salv, s’intendi, kwalsiasi dritt ta’ risarciment ta’ l-ispejjez li dik il-persuna jista’ jkollha skond il-ligi civili fil-konfront ta’ persuna jew persuni ohra – ara **Il-Pulizija v. Anthony Tabone** App. Krim. 12 ta’ Dicembru 2001.

[3] Ara wkoll **Il-Pulizija v. John Vella** App. Krim. 25 ta’ Gunju 2001, fejn il-perikolu minn bjut u soqfa kien kollu “intern” fis-sens li ma kien hemm ebda referenza ghall-passanti fit-triq.

2004, ta’ Saveria Agius moghtija fit-3 ta’ Novembru 2005, u l-access mizmum ftit ta’ jiem ilu – jirrizulta li l-fond *de quo* hu proprjeta` tal-konjugi appellanti izda hu mikri lill-membri tal-familja Dimech. F’dan il-fond – fond zghir, rurali u pjuttost anktik – hemm fuq in-naha ta’ wara binja li taghti ghall-fuq il-btiehi interni. Fis-sular ta’ fuq ta’ din il-binja hemm zewgt ikmamar, u hu evidenti mill-fetha fl-irkejjen – mhux semplici konsenturi izda xquq ta’ ftit aktar minn pulzier – li f’xi zmien kien hemm moviment (caqlieq) fil-hajt ta’ wara li jghati ghal fuq ghalqa u li ghalhekk hu espost ghall-elementi. Dan il-hajt hu wiesgha kwazi tlett piedi. Il-kmamar huma msaqqfa bi xriek tal-qasba. Dawn iserrhu fiz-zewg estremitajiet taghhom – u allura estremita` minnhom li tigi fuq il-hajt li ccaqlaq – fuq kileb tal-gebel li johrog lejn in-nofs tal-kmamar min-naha ta’ fuq tal-hitan. Ix-xriek, inoltre, huma, ghall-anqas illum[4], sopportati bi travu trasversali li jservi ta’ pastaz. Il-perikolu li jidher li kien qed jigi ravvizat mill-prosekuzzjoni meta harget ic-citazzjoni f’Settembru tal-2004 hu maghmul jikkonsisti fil-fatt mhux li jiggarraf il-hajt estren izda li bil-moviment tieghu ix-xriek ma jkollhomx aktar qabda fuq il-kileb u jaqghu jew ifaqqghu u jinzlu.

Issa hawnhekk wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn hsara u perikolu. Mhux kull hsara neccesarjament tammonta ghal stat ta’ tigrif jew ta’ perikolu. Kif gie ribadit diversi drabi minn din il-Qorti[5], l-artikolu 25 ma jirrikjedix li jkun hemm perikolu imminenti, imma semplicement “perikolu”. Il-kuncett ta’ perikolu ma hux suxxettibli ghal gradazzjoni – wiehed ma jistax jitkellem dwar hafna perikolu, jew ftit perikolu jew perikolu imminenti: jew hemm perikolu jew m’hemmx. Mill-banda l-ohra, anke bl-uzu tal-kelma “tigrif” hu evidenti li l-legislatur hawnhekk qed jikkontempla sitwazzjoni ta’ perikolu <u>attwali</u> li jkun jehtieg l-intervent immedjat ta’ xi hadd, okkorrendo wara rikjam ta’ l-awtorita` pubblika rappresentata mill-pulizija jew mill-gwradjan lokali. Fil-kaz in dizamina huwa minnu li xi darba l-hajt li jaghti ghal fuq barra ccaqlaq, b’mod li l-qabda tax-xriek fuq il-kileb naqas; izda, kif del resto osserva anke il-

[4] Il-Perit Schmbri ma semma’ xejn dwar pastaz fid-deposizzjoni tieghu tat-28 ta’ Ottubru 2004.
[5] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Thomas Agius**, nota *in calce* numru 1, *supra*.

Perit Schembri meta ddepona fit-28 ta' Ottubru 2004, kien ikun hemm perikolu jekk il-hsara tkompli tikber b'mod li minn naha minnhom ix-xriek ma jkollohomx ma x'hiex iserrhu jew ifaqqghu. Kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-appellanti Saveria Agius, u kif seta' jigi konstatata anke waqt l-access, l-appellanti ghamlu l-manutenzjoni tal-hajt fuq in-naha ta' barra billi kahhluh u rrinforzawh f'certi partijiet bis-siment, b'mod li ma jidhirx li kien hemm aktar spostament tieghu. Dan kien ukoll konfermat waqt l-access billi rrizulta li fil-kontrobejt tal-kmamar ma kien hemm ebda konsenturi vizibbli fejn sar it-thallib is-sena l-ohra. Fi kliem iehor, din il-Qorti ghalkemm setghet tikkonstata li hemm hsara mhux zghira fil-kmamar, madanakollu ma tistax tighid li kien hemm meta harget ic-citazzjoni, jew li hemm issa, perikolu attwali. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija v. Thomas Agius** [6]:

**"Il-fatt li bini (jew struttura ohra) jista', bit-trapass taz-zmien, isir perikoluz ma jfissirx li hemm perikolu attwali; wara kollox kull bini jiddeterjora maz-zmien, u l-process ta' deterjorazzjoni jista' jkun wiehed mghaggel jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, bhal nuqqas ta' manutenzjoni jew xoghol maghmul hazin, pero` wiehed ma jistax jitkellem dwar perikolu ghall-fini tal-Artikolu 25 meta tali perikolu huwa definittivament fil-futur."**

Jizdied jinghad, finalment, li jekk, ghal xi raguni, tkun li tkun, jirrizulta li jkun hemm caqliq ulterjuri fil-hajt ta' barra jew tavvera ruhha xi haga ohra b'mod li l-qabda tax-xriek fuq il-kileb tonqos anke minimament, jista' jkun hemm lok ghal procedimenti ohra skond l-imsemmi Artikolu 25.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti konjugi Agius minn kull imputazzjoni, htija w piena.

---

[6] Ara nota *in calce* numru 1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------